TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 130/14/GB

**Christine Fenech**

**vs**

**Arena Laundry & Dry Cleaning**

Illum 30 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Gunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet mija hamsa u ghoxrin Ewro (€325.00), rapprezentanti l-prezz ta' 'suit' ta' l-irgiel, liema 'suit' ġiet iddanneggjata mis-socjeta' ntimata wara li nhadet ghandha ghas-servizz tad-'dry cleaning'.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet hadet 'suit' tal-linen ghad-'dry cleaning'. Din kienet 'suit' ta' l-irgiel, kannella cara u f'kundizzjoni perfetta.

Iz-zija tar-rikorrenti kienet marret tigborha wara gimgha u taghtielhom lura, ghaliex ma kenitx spjanata, pero' kienet kollha mkemmxa. Wara gimgha, ir-rikorrenti kienet marret tigborha hi u ndunat li l-glekk kellu tebgha fuq quddiem, u ghalhekk taghtu lura lis-socjeta' ntimata. Is-'suit' ma kellhiex tbajja meta hadítha ghad-'dry cleaning', pero' kienet haditha sempliċiment minhabba l-gharaq tas-sajf.

Ir-rikorrenti kienet regghat marret biex tigborha, pero' sabet li t-tebgha kienet baqghet hemm u qisu ċċara d-drapp. Ghalhekk hija marret il-fabbrika u meta tkellmet ma' min kien inkarigat,

qalilha li l-glekk kien imtebba b'xi xorb (li m'huwiex minnu) u li din it-tebgha ma kenitx tidher pero' harget wara d-'dry cleaning'.

Is-socjeta' ntimata ma kenitx avzat lir-rikorrenti qabel, illi jekk hemm xi tebgha din tista' tohrog wara d-'dry cleaning'. Ghalhekk, ir-rikorrenti qieghda titlob li tinghata l-flus ta' kemm xtrat is-'suit'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Xehdet Josephine Bonello, prodotta mir-rikorrenti, fejn bil-gurament taghha hija kkonfermat il-verzjoni tar-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kenitx ipprezentat risposta bil-miktub u ghalhekk baqghet kontumaci.

It-Tribunal jinnota wkoll illi fuq domandi tieghu stess, irriżulta illi s-'suit' in kwistjoni ghadha fil-pussess tas-socjeta' ntimata, stante illi r-rikorrenti kienet irrifjutat illi taccettha bit-tebgha msemmija, pero' s-socjeta' ntimata ma ezebietx is-'suit' in kwistjoni u lanqas biss kienet konxja ta' fejn kienet mizmuma tali 'suit'.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma ppreżentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni. It-Tribunal josserva illi nonostante l-fatt illi ma ġietx ezebita s-'suit' in kwistjoni, (fuq nuqqas tas-socjeta' ntimata), u fuq domandi li t-Tribunal stess ghamel lis-socjeta' ntimata, jirrizulta illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, (stante illi ma ġiet ippreżentata l-ebda riċevuta rapprezentanti l-valur tas-'suit' in kwistjoni, u stante wkoll illi tali ' suit' inxtrat ċirca erbgha snin ilu), u jordna lis-socjeta' ntimata tirritorna s-'suit' in kwistjoni lir-rikorrenti u thallas l-ammont ta' mija u hamsin Ewro (€150.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**